**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**Joanne Sciberras**

Kumpilazzjoni Numru:17/2012

Illum 17 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Joanne Sciberras, ta' 33 sena mart separata ta' Anthony Mifsud, bint Luciano u Felicissima nee' Falzon, imwielda Attard fl-20 ta' ta' Lulju 1978 u toqghod f'Rohan Mansions,Numru1,Triq Dun Luret Callus, Zebbug (Malta) u/jew Limerick, Block B, Flat 3, Dock Street, Msida, detentrici tal-karta tal-identita' numru 388178(M):

Talli f' Jannar 2012, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda.

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew bitli uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta'aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Health Services Group Limited u ta' Gaetano Bonnici;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Health Services Group Limited u ta' Gaetano Bonnici, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew jsir uzu minnha specifikat; liema’ delitt gie maghmul fuq haga f’data jew ikkunsinnata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju;

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b’falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, li jippartjeni lil Health Services Group Limited, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlet darvn il-pattijiet, dispozizjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokatitajiet u cirkostanzi, ikkomettiet serq ta' diversi cekkijiet u cheque book tal-Bank of Valletta plc, li

jippartienu lil Health Services Group Limited, liema serq sar ghad-dannu ta' Health Services Group Limited u ta' Gaetano Bonnici, u ma jaqbizx l-ghaxar Euro;

U b'hekk, l-imputata Joanne SCIBERRAS

a. wettqet reat fi zmien il-perjodu operrattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza giet moghtija lilha fit-12 ta' Marzu 2009, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

b. kif wkoll, saret recidiva a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilmnet mitluba f'kaz htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in–nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-artikoli 18, 167, 183, 184, 187 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) fl-artikoli 18, 261(d), 268(d), 281(a), 282, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) fl-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(7) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u li hija kkonfermat l-istess ammissjoni wara li inghatat zmien sabiex tirrikunsidra l-posizzjoni taghha.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghalhekk dawn gew ippruvati. It-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel wahda.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-istess imputata. Tqis li ghandha

tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation sabiex l-istess imputata tinghata l-ghajnuna kollha sabiex ma tibqax f'din il-hajja li qabdet. L-imputata trid tifhem li jehtieg li timpenja ruhha verament.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 167, 183, 184, 187, 189, 261(d), 268(d), 281(a), 282, 284 u 285 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' inkwantu ghall-imputazzjoni li l-hatja kkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, b'applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta' subinciz 2 tal-artikolu 28B testendi l-perjodu operattiv ta' tlettax-il xahar prigunerija imposti bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Marzu 2009 ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-llum.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hatja thallas lil Health Services Group Limited u Gaetano Bonnici l-ammont ta' €19, 208.80 u dan fi zmien sena millum.

Inotre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 il-hatja qeghda tigi ordnata thallas l-ammont ta' €1087.13 rapprezentanti hlas ta' esperti nominati. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ikun hemm konversjoni tal-bilanc fi prigunerija.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi jekk tikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat